MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru. 602/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Carmela Gauci bint Celestino Grech u Antonia nee' Mizzi,**
**imwielda fit-22 ta' Ottubru, 1960 u residenti Dingli Cliffs,**
**Triq ta' Viani, Rabat, Ghawdex, detentrici**
**tal-karta tal-identita' numru 687060(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Carmela Gauci li giet akkuzata talli nhar id-29 ta' Mejju, 2007, ghal habta ta' nofs inhar bhala l-persuna responsabbli mill-fond

kummercjali bl-isem It-Tokk Green Grocer, fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex:

1) esponiet ghall-bejgh artikli barra l-post imsemmi b'tali mod li holqot ostaklu ghan-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi kif ukoll b'tali mod li eccedew 50 centimetru mill-istess bankina;

Rat l-imputazzjoni;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u senjatament l-Artikolu 13 ta' l-Avviz Legali 1/2006;

Billi ma ngabitx prova dwar il-licenzja li ghandha fil-pussess taghha l-imputata u cioe' jekk hija ghandhiex licenzja mahruga taht id-dispozizzjoni ta' dina l-ligi u kwindi tapplika ghaliha t-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 1/2006 jew licenzja tal-Pulizija;

L-akkuza ma tirrizultax pruvata u ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------